MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 38/2011

**Appell Nru. 38/2011**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**John Pace**
**Illum 31 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Frar, 2010 u f'xi granet ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer

1. saq vettura numru RAI 211 ta' ghamla "Hyundai Getz" minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);
2. saq vettura numru RAI 211 ta' ghamla "Hyundai Getz" minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3. saq vettura numru RAI 211 ta' ghamla "Hyundai Getz" minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan valida mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;
4. naqas iggedded il-licenzja tas-sewqan ghas-sena kurrenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)93) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' €117 multa, sabitu hati tat-tieni akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' €2329.37 multa, sabitu hati tat-tielet akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' €117 multa u lliberatu mir-raba` akkuza li ma rrizultatx.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata billi :
1. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant John Pace mir-raba imputazzjoni u
2. tbiddel dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant John Pace hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minnhom;
3. fin-nuqqas li ma tilqax it-tieni talba din l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tnaqqas il-pieni imposti mill-Ewwel Qorti.

U dan taht kull provvediment u ordni iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

**Iz-zmien tar-reat**
Illi mart l-appellant fl-24 ta' Frar, 2010 marret taghmel rapport l-ghassa dwar xi telefonati li allegatament kien qed

jaghmel zewgha lit-tifla taghhom ta’ hdax-il sena Raisa Pace. F’dan ir-rapport hija semmiet li zewgha kien qed isuq karozza minghajr insurance u bla licenzja u dan lesta tixhdu t-tifla tal-konjugi u cioe Roxanne Pace.

Illi fir-rapport ma giex specifikat zmien bejn wiehed u iehor meta l-appellant suppost li intlemah isuq din il-vettura. Ghaldaqstant ma giex ippruvat iz-zmien imnizzel fic-citazzjoni meta l-appellant, allegatament, intlemah isuq din il-vettura. Dan l-anqas biss irrizulta mix-xhieda tat-tifla Roxanne Pace.

Illi kif tenniet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) Il-Pulizija vs Lourdes Castillo deciza fit-28 ta’ Jannar 2008 li :
*“Ghalhekk strettament l-appellanti ghandha tigi liberata ghax ma rrizultax li dawn ir-ritratti ttiehdu fid-data w fil-periodu msemmi fic-citazzjoni w mhux ghax l-azzjoni hija preskritta. Il-preskrizzjoni tidhol biss incidentalment billi necessarjament tillimita il-frazi "jew fix-xhur ta' qabel" ghall-periodu li ma jkunx jista' jmur lura aktar minn sentejn minn meta l-appellanti giet notifikata bic-citazzjoni u cioe' fis-6 ta' Lulju, 2006. (ara riferta a fol. 7)*

*Persuna ma tistax tinstab hatja ghax xi darba f' hajjitha kkommettiet reat, minghajr ma jigi precizat (anki b' mod approssimattiv) meta dak ir-reat kien gie kommess. Konsegwentement l-akkuza kif intavolata ma tirrizultax pruvata w ghalhekk l-appellanti ghandha tigi liberata minnha”. (Ara Dok. A).*

Illi f’dan il-kaz, iz-zmien huwa determinati wkoll minhabba li min ikun imputat bir-reat li saq vettura minghajr polza ta’ assikurazzjoni l-artikolu 3(3) tal-Kap. 104 jipprovdi dan li gej :-

*“ghad illi f’ligijiet ohra jista` jkun hemm zmien stabbilit li fih ghandhom isiru proceduri quddiem Qorti, l-procediment ghal reat taht dan l-artikolu jista` jsir –*
*(a) fi zmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew*

*(b) fi zmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun giet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skond liema zmien minnhom ikun l-itwal."*

Illi minhabba z-zminijiet stabbiliti f'dan l-artikolu huwa wkoll importanti li jigi stabbilit iz-zmien tar-reat, liema zmien qatt ma gie stabbilit l-anqas fir-rapport li sar lill-Pulizija. Illi l-Pulizija minn imkien ma rrizultalha li fl-24 ta' Frar, 2010 jew fil-granet ta' qabel l-appellant intlemah isuq din il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RAI 211.

Illi a bazi ta' dan l-aggravju l-appellant ghandu jinstab mhux hati.

**Xhud Roxanne Pace**

Illi l-Ewwel Qorti sabet htija fuq xhieda ta' xhud wiehed biss u cioe` ta' Roxanne Pace li tigi t-tifla tal-appellant. Ix-xhieda moghtija minn bint l-appellant tikkonfliggi totalment max-xhieda li ta l-istess appellant quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-Ewwel Qorti strahet biss fuq il-prova ta' xhud wiehed biss u skartat kompletament ix-xhieda tal-appellant. F'dan il-kaz l-Ewwel Qorti naqset li taghmel evalwazzjoni korretta u oggettiva tal-fatti.

Illi f'dan il-kaz ghandha lill-appellant li qieghed f'kaz ta' separazzjoni minn ma' martu. Dawn il-proceduri ta' separazzjoni nibtu fil-familja Pace certu piki bejn il-konjugi u t-tifla li xehdet f'dawn il-proceduri. Fil-fatt qieghed jigi allegat mill-omm u t-tifla li l-appellant keccihom mid-dar, fatt li l-appellant jinnega bil-qawwa kollha.

Illi x-xhieda li tat it-tifla tal-appellant fil-Qorti, din il-Qorti trid tezaminha f'dawn ic-cirkostanzi. Hawnhekk issa jaqbel li wiehed jsemmi certu principji legali li jirregolaw il-prova u l-grad tal-prova.

Illi bhala punt kardinali persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm misjuba hatja u dan il-principju jorbot

ukoll mal-obbligu tal-prosekuzzjoni li hija hi li ghandha tipprova il-kaz taghha sal-grad tal-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi kif spjegat il-Qorti Kriminali tal-Appell fis-sentenza taghha Ir-Repubblika vs Eleno sive Lino Bezzina deciza fl-24 ta’ April, 2003 fuq il-livell tal-prova :-
*“Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f’kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, l-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta’ htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera”* (Ara Dok. B.).

Illi l-Qorti Kriminali tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Joseph Thorne deciza fid-9 ta’ Lulju, 2003 tenniet :-

*“Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’hix ser temmnu jew ma temmnux*” (Ara Dok C).

Illi skont l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9, ix-xhieda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed. Imma kif tenniet din il-Qorti diversitament komposta fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Magri deciza fil-21 ta’ Jannar, 2011 fejn qalet :-
*“Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, xhud wiehed jekk emnut, huwa bizzejjed biex iwassal ghal sejbien ta’ htija (art. 638 (2) Kap. 9) pero’ hemm certa regoli x’jigu osservati qabel il-Qorti ma tkun tista’ titfa l-piz kollu ta’ kredibilita’ fuq dak ix-xhud. Fosthom hemm l-imgieba, l-kondotta w il-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandix mis-sewwa jew ihiex konsistenti u ta’ fattizzi ohra tax-xhieda w jekk ihiex imsahha minn xiehda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz (art. 637 Kap. 9).”* (Ara Dok. D).

Illi minhabba l-problemi maritali u familjari li nqalghu zgur li ma ghandix tinsab htija fl-appellant fuq xhieda wahda biss tat-tifla tieghu. Aktar u aktar meta din it-tifla qeghda tghix ma ommha u qeghda timputa t-tort kollu tas-separazzjoni f'missierha. Mhux l-istess jista` jinghad ghal ulied l-ohra ta' l-appellant li jghixu mieghu. L-animosita u l-pregudizzju taghha hargu cari fix-xhieda moghtija minnha quddiem l-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti qatt ma kellha ragonevolment tasal fuq ix-xhieda li ressqet il-prosekuzzjoni sabiex issib htija fl-appellant.

Illi l-imputat meta jitla fuq il-pedana tax-xhieda biex jixhed hemmhekk huwa ikkunsidrat bhala xhud u ghaldaqstant jghoddu ghalih ukoll ir-regoli tax-xhieda. Dan ifisser li jekk emmnut ix-xhieda tieghu hija bizzejjed sabiex il-Qorti temmnu fuq bazi ta' probabbilita` li huwa ma kkommettiex ir-reati li huwa imputat bihom.

Illi anke a bazi ta' dan l-aggravju l-appellant ghandu jinstab mhux hati.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fl-24 ta' Frar, 2010 ghall-habta 20:45 hours Maria Dolores Pace rrapurtat lill-pulizija gewwa l-ghassa ta' Haz Zabbar illi hija rat l-ex ragel taghha John Pace isur karozza li kienu xtraw madwar sena u nofs qabel. Din il-vettura kellha l-licenzja skaduta u minghar polza ta' l-assigurazzjoni. Fuq dan ir-rapport il-pulizija ressqu lil John Pace l-Qorti u b'Sentenza ta 20 ta' Jannar, 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel tliet imputazzjinijiet wara li lliberatu mir-raba' wahda stante li ma rrizultatx. L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell fejn l-aggravju principali tieghu hu illi l-Ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' Roxanne Pace li tigi t-tifla ta' l-appellant u skartat kompletament ix-xhieda ta' l-appellant fejn nnega dak kollu li nghad fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat.

Jista jkun illi l-Ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' Roxanne Pace u l-affidavit ta' PS 1210 J. Gauci esebit a fol 7 tal-Process fejn irraporta l-ilment li ghamlitlu Maria Dolores Pace mart l-appellant dakinhar illi ratu jsuq karozza taghha. Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artiklu 638 (2) tal-Kap 9. Dan l-Artiklu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghanudu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kopluta minn kollox, daks kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evaluata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artiklu 637 tal-Kap 9.

Din il-Qorti kellha l-okkazjoni illi tisma lil Roxanne Pace quddiemha u dina xhedet illi dakinhar ta' l-24 ta' Frar, 2010 kienet ma ommha fil-karozza taghha u rat lill-missierha l-appellant isuq karozza. Dak iz-zmien kellhom hafna problemi izda l-affarijiet illum huma hafna ahjar, Roxanne Pace pero' ma tiftakarx x'tip ta' karozza kien qed isuq missieha.

Stephen Cachia minn Transport Malta qal illi l-vettura bir-registrazzjoni RAI-211 hija ta' l-ghamla Hyundai Getz li kellha l-licenzja skaduta fit-30 ta' Gunju, 2009 u ghadha mhijiex imgedda sal-lum, il-karozza hija rregistrata fuq isem Maria Dolores Pace mart l-appellant. L-appellant kellu l-okkazjoni sabiex jixhed ukoll quddiem din il-Qorti u dana nnega dak kollu li qalet Roxanne Pace. Jghid illi huwa ma jsuqx u m'ghandux anqas licenzja, dana gieghel lid-difiza tqajjem l-aggravju tal-konflitt fil-provi li ma jwassalx sal-grad tac-certezza minghar dubju morali u cioe' minghar dubju dettat mir-raguni u ghalhekk l-appellant kellu jigi liberat.

Ikkunsidrat.

L-istess appellant ghamel referenza ghall-kawza Il-Pulizija vs Joseph Thorn deciza fid-9 ta' Lulju, 2003 fejn il-Qorti qalet illi mhux konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt fil-provi trid tevalwa l-provi skont il-

kriterji ennunciati fl-Artiklu 637 tal-Kodic Kriminali u tasal ghal-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u fiex ser temmnu jew ma temmnux. L-Ewwel Qorti ghamlet dan l-evalwazzoni u waslet ghal konkluzjoni illi kellha tistrih fuq ix-xhieda ta' Roxanne Pace u l-affidavit tas-surgent. Din il-Qorti ukoll ghamelt din l-evalwazzjoni u filwaqt illi tiehu gost tisma li llum l-affarijiet bejn l-appellant u l-bqija tal-familja tieghu jidhru li qeghdin jitjiebu u tawgura illi hekk jibqa ghal futur, ma tistax pero' ma tasalx ghal konkluzjoni illi dakinhar ta' l-24 ta' Frar, 2010 verament kien qieghed isuq din il-vettura RAI-211 ta' l-ghamla Hyundai Getz meta ma kellux licenzja, l-vettura me kelliex licenzja rinovata u l-anqas assigurazzjoni. L-appellant jghid illi ghandu negozju tal-laham bl-isem Tyson Butcher, dan in negozju jirrikjedi sewqan ta' spiss biex igib ix-xoghol u wkoll biex jaqdi l-esigenzi tan-negozju tieghu. Il-Qorti difficli temmen lill-appellant meta jghid illi ma jsuqx. Il-fatt illi sewwieq ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghajxien tieghu *"ma jintitulax lil din il-Qorti li tmur kontra l-Ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatroja, ghax kieku kellu jkun hekk dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi mmunita mill-kastig meta jinqabad isuq hazin."* (Pulizija vs Paul Azzopardi 4 ta' Awwissu, 2006). Ghalhekk din il-Qorti jidhirlha illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti dina setghet legalment u ragunevalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, ghalhekk mhux il-kaz illi din is-Sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------